

Brussell, 2 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

12644/15

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0230 (NLE)

WTO 207
SERVICES 31
COAFR 282

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ottubru 2015
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 469 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li se tiegħu l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja mad-WTO

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 469 final.

Mehmuż: COM(2015) 469 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2015
COM(2015) 469 final

2015/0230 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabilixxi l-pożizzjoni li se tiegħu l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja mad-WTO

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha**

Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u r-Repubblika tal-Liberja laħqu l-istadju konklussiv ta' ftehim dwar it-termini għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja fl-organizzazzjoni. Dan qed iseħħ wara 8 snin ta' negozjati li bdew meta r-Repubblika tal-Liberja ppreżentat l-applikazzjoni tagħha biex tingħaqad mad-WTO fl-2007. Sommarju tat-termini tal-adeżjoni jinsab hawn taħt fil-punt 5.

Bil-preżentazzjoni tat-termini tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja mad-WTO għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tqis li dawn it-termini jirrappreżentaw pakkett bilanċjat u ambizzjuż ta' impenji ta' ftuħ tas-suq, li se jgħibu benefiċċji sostanzjali kemm lir-Repubblika tal-Liberja u kemm lill-imsieħba kummerċjali tagħha tad-WTO. Talba tal-Liberja għall-adeżjoni għet eżaminata skont il-linji gwida stipulati mill-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adeżjoni tal-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDC) u waqt li kienu kkunsidrati l-elementi kumplessivi tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali mal-Liberja fil-kuntest tas-Sħubija UE-AKP.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-multilateraliżmu huwa fil-qalba tal-politika kummerċjali tal-UE u l-UE tappoġġa l-adeżjoni ta' pajjiżi terzi mad-WTO bit-termini addattati.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Konsistenti mal-azzjoni esterna tal-UE u l-politika tal-iżvilupp, il-proposta se tistabbilixxi l-Liberja fis-sistema ta' kummerċ multilaterali skont il-linji gwida stipulati mill-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adeżjoni tal-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDC) u waqt li kienu kkunsidrati l-elementi kumplessivi tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali mal-Liberja fil-kuntest tas-Sħubija UE-AKP.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova t-termini tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja mad-WTO hija meħtieġa skont l-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, qabel ma l-UE tkun tista' tappoġġa formalment dik l-approvazzjoni fid-WTO.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli. Il-kompetenza esklużiva tal-UE għall-kummerċ.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli. Deċiżjoni tal-Kunsill Artikolu 218(9) hija meħtieġa.

- **Għażla tal-istrument**

Mhux applikabbli. Deċiżjoni tal-Kunsill Artikolu 218(9) hija meħtieġa.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu ta' kompetenzi**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux neċessarja. Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Artikolu 218(9) hija meħtieġa.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta mhix marbuta mar-REFIT

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenzi fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u monitoraġġ, arranġamenti ta' evalwazzjoni u rapportar**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-provvedimenti speċifiċi tal-proposta**

Sommarju ta' termini ta' adeżjoni

Skedi tal-impenji

Prodotti (b'mod ġenerali)

Ir-rata ta' tariffa medja finali (FBR) fl-iskeda tal-adeżjoni tal-Liberja hija ta' 26,6 %.

Il-medja FBR għal prodotti tal-agrikoltura ta' 23,6 % hija iktar baxxa mis-27,2 % osservata għall-prodotti industrijali.

Il-Liberja se timplimenta l-FBRs mid-data tal-adeżjoni. Għal 249 linja tariffarja (TLS), jiġifieri 4 % tal-iskeda tagħha, il-Liberja FBR se tiġi implimentata biss sal-2019.

Dawn il-livelli medji għat-tariffi huma ta' standard ferm għoli ta' LDC, speċjalment meta jitqies id-daqs żgħir u l-vulnerabbiltà tal-ekonomija tal-Liberja.

Prodotti Industrijali

Il-medja FBR għal prodotti mhux agrikoli huwa ta' 27,2 %.

- Il-Liberja hija vinkolanti 100 % tal-iskeda tagħha, filwaqt li tiegħu l-impenji tariffarji marbuta għal prodotti industrijali kollha.
- Il-livelli massimi tat-tariffi huma ta' 50 % għal żebgħa, plastik tad-dar, karta iġjenika u għamara tal-injam.

Prodotti agrikoli

- L-FBR medja għall-prodotti agrikoli hija ta' 23,6 %.
- Il-livelli massimi tat-tariffi huma ta' 50 % għal żerriegħa tal-kawkaw, keċap tat-tadam u ilma minerali.

Servizzi

L-iskeda ta' impenji speċifiċi tal-Liberja fis-servizzi hija sodisfaċenti meta jitqies l-istatus tagħha ta' LDC. Il-Liberja se tidħol għall-impenji ta' aċċess għas-suq u ta' trattament nazzjonali f'firxa wiesgħa ta' setturi tas-servizzi, inklużi s-servizzi professjonali, tal-kompjuter u ta' negozju ieħor, is-servizzi tal-komunikazzjoni, servizzi tal-kostruzzjoni, servizzi tad-distribuzzjoni, servizzi edukattivi, servizzi ambjentali, servizzi finanzjarji (tal-assigurazzjoni u bankarji), servizzi tas-saħħa u soċjali finanzjati b'mod privat, servizzi tat-turiżmu u dawk tat-trasport (servizzi ta' trasport marittimu, tal-ilmijiet interni u tat-triq u servizzi awżiljarji għat-tipi kollha ta' trasport).

Impenji tal-protokoll

Fl-istadju multilaterali finali tal-proċess ta' adeżjoni, il-Membri tad-WTO fittxew kollettivament li jiżguraw il-kompatibbiltà bażika tal-liġijiet u l-istituzzjonijiet kummerċjali tal-Liberja mar-regoli u l-ftehimiet tad-WTO, stabbiliti fil-Protokoll ta' adeżjoni u r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma.

Assistenza teknika u/jew perjodi ta' tranżizzjoni kienu mitluba biex jiġu implimentati wħud mill-impenji tad-WTO. Fir-rigward ta' perjodi ta' tranżizzjoni, il-Liberja se jkollha sal-1 ta' Awwissu 2017 biex tiżgura konformità sħiħa mal-obbligi tad-WTO dwar it-tariffi u l-imposti marbutin mal-importazzjoni u l-esportazzjoni, dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ u Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji. Il-Liberja se tkun ukoll kapaċi li iżżomm xi inċentivi ta' investiment inkompatibbli mat-TRIMs sal-1 ta' Awwissu 2019.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabilixxi l-pożizzjoni li se tieħu l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja mad-WTO

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Ġunju 2007, il-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja applika għall-adeżjoni mal-Ftehim ta' Marrakesh li jstabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'konformità mal-Artikolu XII ta' dak il-Ftehim.
- (2) Grupp ta' Ħidma dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja ġie stabbilit fit-18 ta' Diċembru 2007 sabiex jintlaħaq ftehim dwar it-termini ta' adeżjoni aċċettabbli għar-Repubblika tal-Liberja u l-Membri kollha tad-WTO.
- (3) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, innegożjat għadd komprensiv ta' impenji għal impenji tal-ftuħ tas-suq min-naħa tar-Repubblika tal-Liberja li huma f'konformità mal-linji gwida stipulati mill-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adeżjoni tal-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDC) u li jissodisfaw it-talbiet tal-Unjoni b'kont meħud tarde r-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika tal-Liberja fil-kuntest tas-Sħubija UE-AKP.
- (4) Dawn l-impenji huma issa inkorporati fil-Protokoll ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja fid-WTO.
- (5) L-adeżjoni mad-WTO hija mistennija li tagħti kontribut pożittiv u dejjiemi għall-proċess tar-riforma ekonomika u l-iżvilupp sostenibbli fir-Repubblika tal-Liberja.
- (6) Il-Protokoll ta' Adeżjoni għandu għalhekk jiġi approvat.
- (7) L-Artikolu XII tal-Ftehim li jstabilixxi d-WTO jistipula li dwar it-termini tal-adeżjoni għandu jintlaħaq ftehim bejn il-Membri li qed jissieħeb u d-WTO, u li l-Konferenza Ministerjali tad-WTO tapprova t-termini tal-adeżjoni min-naħa tad-WTO. L-Artikolu IV.2 tal-Ftehim li jstabilixxi li d-WTO jipprovdi li matul l-intervalli bejn il-laqgħat tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.

- (8) Għalhekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja mad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Liberja mad-WTO, hija li tapprova l-adeżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*